# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 7.5

## Kap 7: Bil-Kuraġġ inħarsu 'l quddiem

## Lezzjoni 7.5: Mhux kliem imma fatti

**L-għanijiet:**



1. Jiddiskutu l-għaqal fil-ħajja ta' Ġesù.
2. Jisimgħu l-istorja tat-tbatija ta' Ġesù.
3. Jiftakru fil-mod kif Ġesù pprova jgħallem lil Pietru jkun għaqli.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



Video Clip: (din hi magħmula bħala powerpoint)

Bl-Ingliż

Matthew 26, Judas Betrays Jesus and Peter Denies Him

www.youtube.com/watch?v=YmmWzfirywA

Bil-Malti:

L-ewwel parti tal-Vanġelu ta' San Mattew, Kap 26

https://www.youtube.com/watch?v=eL6SDSfdJek&index=26&list=PLDACE4E5C8EE16FE4

It-tieni parti tal-Vanġelu ta' San Mattew, Kap 26

https://www.youtube.com/watch?v=voAFG2D7E-0&list=PLDACE4E5C8EE16FE4&index=27

- Karta ta' Taħriġ 7.5

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Spjega: Li tkun bil-għaqal, hu valur sabiħ ħafna.
- Iddiskutu sitwazzjonijiet meta aħna wrejna li konna bil-għaqal.
- Iffoka fuq Ġesù: Nafu nsemmu xi sitwazzjonijiet meta Ġesù wriena kemm Hu stess kien bil-għaqal?
- Jekk it-tfal ma jaslux għal dan, semmi xi sitwazzjonijet bħal meta kien għajjien, imma xorta qal lill-Appostli biex iħallu lit-tfal imorru għandu; meta kien hemm il-folla tisimgħu u ma kellhomx x'jieklu u għamel il-miraklu tal-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet; u anke meta ħafer lill-ħalliel it-tajjeb minn fuq is-salib.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Uri t-tfal il-filmat tal-Aħħar Ċena filwaqt li tieqaf fejn taħseb li jkollok bżonn biex tfiehem x'ikun għaddej. Iddiskuti x'ikun għaddej mat-tfal. Agħżel mill-videos li għandek. Jekk issib xi ħaġa oħra addattata aktar għat-tfal li tgħallem, tiddejjaqx tużaha.
2. Ara x'jafu t-tfal dwar l-episodju meta Pietru ċaħad lil Ġesù għalkemm dan kien wissieh minn qabel li għad jiċħdu.
3. Uri l-filmat u ffoka fuq il-kliem li qal Ġesù lil Pietru u kemm dan iddispjaċih talli kien għamel.
4. Stieden lill-istudenti jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 7.5.
5. Aqra s-silta mogħtija u bħala klassi ddiskuti l-istampi u s-sentenzi li jmorru mal-istampi.



6. Spjega Attività 2 u bħala klassi għaqqad is-sentenzi
    - 1. Lesta.
    - 2. Ħalla lil Ġuda jiekol mill-istess platt tiegħu biex jagħmillu kuraġġ u jindem.
    - 3. Wissa lil Pietru biex ikun għaqli u joqgħod attent x'jgħid.
7. Asal għal Attività 3 u ddiskutu l-punt ta' x'jiġri meta ngħidu u nitkellmu kif ġie ġie.



8. Agħlaq b'talba tal-istudenti stess.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Kemm hi ħaġa sabiħa li nħobbu dejjem!
2. Ġesù baqa' jħobb lil Ġuda sal-aħħar u pprova jgħinu jibdel ħajtu imma Ġuda ma riedx jaf.
3. Ġuda biegħ lil Ġesù għal tletin biċċa tal-fidda.
4. Pietru ċaħad lil Ġesù għaliex tkellem bla ma ħaseb.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru li japprezzaw li jgħixu bil-għaqal.

Juru wkoll li jħobbu dejjem f'kull ċirkustanza bħalma għamel Ġesù mal-oħrajn.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Bl-Ingliż

Matthew 26, Judas Betrays Jesus and Peter Denies Him

www.youtube.com/watch?v=YmmWzfirywA

Bil-Malti:

L-ewwel parti tal-Vanġelu ta' San Mattew, Kap 26

https://www.youtube.com/watch?v=eL6SDSfdJek&index=26&list=PLDACE4E5C8EE16FE4

It-tieni parti tal-Vanġelu ta' San Mattew, Kap 26

https://www.youtube.com/watch?v=voAFG2D7E-0&list=PLDACE4E5C8EE16FE4&index=27



**Nitolbu**



Grazzi Mulej Ġesù ta' dawn l-eżempji
sbieħ li inti tajtna.
Nixtieq li dejjem inkun bħalek u nfittex
li nagħmel is-sewwa u ħafna affarijiet tajbin.